# Tribunal Industrijali

# Decizjoni Preliminari Nru 2897

| | |
|---|---|
| **KAZ NRU: 4115/22/AM** | **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol** |
| | **bejn** |
| | **Ana Maria Obando Castellanos maghrufa bhala Ana Obando (Passaport Colombian bin-numru AQ531357)** |
| | **u** |
| | **Rettur ta' l-Universita' ta' Malta u Universita' ta' Malta** |

*dwar allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju u allegazzjoni ta' tkeccija ngusta*

**Chairperson: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (lond)., Dip. Tax (MIT)**

Illum 10 ta' Marzu, 2023

It-Tribunal,

Illi din hija decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tal-intimati li skond huma l-legittimu kuntradittur hi biss l-Universita' ta' Malta u li r-rikorrenti kienet impjegata mall-Universita' ta' Malta u mhux mar-Rettur tal-Universita' ta' Malta u li ghalhekk kellhom jitharrku jew l-Universita' ta' Malta jew ir-Rettur qua rapprezentant ta' l-istess Universita' u mhux it-tnejn (fol 34).

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u jirrileva li a fini ta' din l-eccezzjoni t-Tribunal ser joqghod biss fuq dak li rrillevaw fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom l-partijiet ghar-rigward din l-ewwel eccezzjoni u xejn izjed. Dan qed jinghad stante li l-intimati fin-nota taghhom trattaw dwar it-tieni eccezzjoni taghhom cioe' dik rigwardanti probation.

Illi l-artikolu 72A tal-Att dwar l-Edukazzjoni l-Kap 327 tal-Ligijiet ta' Malta jghid li l-Universita' ta' Malta ghandha personalita legali li fost affarijiet ohra tista' taghmel kuntratti filwaqt li l-artikolu 74(11) tal-istess Kap 327 li jistabilixxi li huwa r-Rettur tal-Universita' ta' Malta li ghandu r-rapprezentanza legali tal-istess Universita'.

Kif gie stabbilit mill-Qrati taghna, bhal fil-kawza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et Qorti tal-Appell 5.10.2001** dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur, dik il-Qorti sostniet li:

*Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici l-parti l-ohra l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citat fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li skond l-attur holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet premessi tenut kont li l-Universita' ta' Malta hija firmatarja tal-kuntratt tax-xoghol lir-rikorrenti u li l-personalita legali hija vestita fir-Rettur tal-Universita' ta' Malta, l-ewwel eccezzjoni tal-intimati qed tigi michuda.

It-Tribunal jordna l-prosegwiment ta' dawn il-proceduri.

(Iffirmat)

**Dott. Anna Mallia LL.D.**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**